KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**8/17**

**Minuti tal-tmien laqgħa tas-sbatax il-sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 15 ta' Gunju 2010.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-sur Horace Anastasi | - | Vici Sindku |
| | Is-sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-sur Joseph M. Formosa | - | Agent Segretarju |
| Skuzati: | Is-sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-sur Cleaven Bugeja | - | Kunsillier |

**1.0 <u>Item1: Talba</u>**

1.1 Il-laqgha bdiet fis-6.15pm u nfethet b'talba qasira mis-Sindku u l-Kunsilliera kollha prezenti.

1.2 Hawnhekk kien hemm korrezjoni ta' l-Agenda fejn l-item 2 Mistoqsijiet ghandha tigi wara Item 5 wara l-korrispondenza.

1.2 L-Agent Segretarju informa lill-Kunsill li s-Sinjuri Briffa u Bugeja baghtu jinfurmaw li kienu se jkunu skuzati għal din il-laqgħa.

**2.0 <u>Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti</u>**

2.1 Il-minuti tal-25 ta' Mejju 2010 li kienu cirkulati lil-kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ttieħdu bħala moqrija u gew approvati kif korreguti.

2.2 Minuta 3.1 para 2: 'is-sur Anastasi qal li ma jaqbilx li s-Segretarju Eżekukttiv, is-sur Joseph L. Cassar jitlaq mix-xogħol tal-Kunsill qabel tingħalaq l-inkjesta…'. Ħassarna 15 il-kelma mill-paragrafu orginali tal-minuti tal-25 ta' Mejju 2010.

2.3 Minuta 2.1: Flok il-kliem 'l-għaqdiet lanqas ma jmisshom jitħallew jagħmlu għandu jidħol il-kliem'hadd ma' għandu jitħalla jagħmel'. Ħassarna 6 kelmiet u daħħalna 5 kelmiet.

2.4 Minuta 3.1 addenda: Dwar din il-minuta s-sur Carmel Camilleri xtaq iżid dawn il-kliem 'is-sur Camilleri oġġezjona għal fatt lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali qatt ma messu ħalla lis-segretarju eżekuttiv jitlaq qabel ma' jinħatar segretarju eżekuttiv ieħor u tingħata l-'handover' kif suppost.

**3.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajmu mill-minuti (minuti tal-25 ta' Mejju 2010)</u>**

3.1 Minuta 2.6 Is-sur Sultana gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-korrezjoni kellha ssir fil-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar (minuti 27 t'April2010) u mhux ta' l-aħħar paragrafu. Għalhekk is-sur Sultana talab li titranga l-bankina fejn tkisret u li ssir bollard u li tingibed l-attenzjoni ta' min għamel il-ħsara u li l-Kunsill japplika ma' Transport Malta (TM) għal tabella'NO ENTRY FOR HEAVY VEHICLES EXCEPT FOR RENDERING A SERVICE.' Wara li saret diskussjoni gie deciz li għandha tingibed l-attenzjoni kemm tal-pulizja kif ukoll tal-MEPA u ta' L-Awtorita tal-Health and Safety u dan sabiex jigi assikurat li kull perikolu jiġi eliminat.

3.2 Is-sur Anastasi talab li jkun jaf ir-raguni li ngħatat lil-Prim Ministru dwar it-talba tat-trasferiment tas-Segretarju Eżekuttiv tas-sur-Joseph Cassar. Is-sur Anastasi qal li xtaq jemfażiżża li meta kien irrimarka 'sa kemm tingħalaq l-inkesjta' huwa kien qed jirreferi dwar indagni dwar l-okkorrenza (li segħtet kienet kontinwa) ta' bejn Settembru 2009 u Jannar 2010). Is-sur Anastasi qal li hu kien qed jinforma lill-Kunsill li kien diga baghat korrispondenza lill-Awditur Generali (NA0) kif ukoll lis-sur Martin Bugelli Direttur Generali. Saret diskussjoni fuq din il-korrispondenza li din kellha tkun ippezentata fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-sur Anastasi qal li għandu jpoġġi kopja ta' din il-korrispondenza fil-laqgħa li jmiss.

3.3 Minuta 5.2: Is-Sindku wiegbet fl-affermattiv li l-accountant giet infurmata.

3.3 Minuta 5.6: Il-korrezzjonijiet saru.

3.4 Minuta 4.6: Il-Kunsill qabel li għandha terga ssir r-rampa mid-daħla tan-niċċa.

**4.0 Korrispondenza**

4.1 Il-Kunsill ittratta din il-korrispondenza:

4.2 Filwaqt li l-Kunsill jagħraf l-kompetenza u l-Awtorita ta' TM dwar dak li jitpogga fit-toroq dwar il-ħarsien ta' min juża l-istess toroq, il-Kunsill iħoss illi

m'għandux jigi njorat mit-TM u kull decizjoni tat-TM dwar dak meħtiega fil-konfini ta' Santa Venera għandha tittieħed bil-konsultazjoni mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel ukoll li jikkonsulta mal-avukat tal-Kunsill dwar kif għandu jagixxi meta għal xi raguni jew oħra jigi njorat jew it-talba tal-Kunsill ma tigiex milqugħa mit-TM.

4.3 MEMO 18/2010 – Skema ta' Finanzjament Għal-Lokalitajiet Sostenibbli. Is-Sindku se tattendi għal din il-laqgħa.

4.4 Hatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv: Is-Sindku ipprezentat l-ittra tal-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tas-Sur Joseph M. Formosa ittra datata 8 ta' Gunju 2010 b'effett immedjat.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jkun hemm sospenzjoni ta' l-Agenda u jmur fuq item Nr 8 Ordnijiet tal-Gurnata.

**8.0 Ordinijiet tal-Ġurnata**

**8.1 Hatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill ġie nfurmat dwar kif saru l-'interviews' ta' persuni kompetenti mill-lista provduta mid-dipartiment tal-Gvern Lokali skond il-procedura u l-ligi ezistenti. Rapport separat dwar dawn l-'interviews' jingħata ma dawn il-minuti.
Is-Sindku proponiet li peress waqt dan l-istess interview s-Sur Lawrence Azzopardi ġab l-għola marki kif stabbilit, l-istess sur Lawrence Azzopardi għandu jigi propost u rakkomandat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ikun mahtur Segretarju Ezekuttiv għall Kunsill Lokali Santa Venera skond il-proceduri u kondizjonijiet kif elenkati fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Rizorsi Umani). Is-sur Carmel Camilleri issekkonda din il-mozzjoni.

Saret votazjoni dwar din il-możżjoni dawk favur Sinjuri Elizabeth Vella, Horace J. Anastasi u Carmel Camilleri (3); kontra hadd u astenzjonijiet is-Sinjur Stephen Sultana u Edwin Formosa (2).

Il-mozzjoni għaddiet u għalhekk il-Kunsill qabel li permezz ta' ittra ffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jigi nfurmat dwar l-għazla tas-sur Lawrence Azzopardi sabiex b'hekk issir l-ħatra ta' l-istess sur Azzopardi bħala Segretarju Ezekuttiv għall-Kunsill Lokali Santa Venera.

**8.2 Festa Santa Venera**

Is-Sindku fakkret li l-festa tal-Padruna Santa Venera sejra tiġi celebrata l-Ħadd 24 ta' Lulju 2010. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Pulizija, Kappillan, Għaqdiet tal-Banda u mal-Għaqda tan-nar 26 ta' Lulju Santa Venera sabiex jigi zgurat li jkun hemm l-aqwa sigurta u ordni waqt il-granet tal-Festa kif ukoll kull ko-ordinament meħtieq sabiex il-festa tkun tista tidgawda minn kulħadd.

Il-Kunsill qabel li jinxtraw il-fjuri għal vara ta' Santa Venera kif ukoll għal vara tal-Madonna tal-Karmnu fil-Parocca tal-Fleur-de-lys.
Il-Kunsill qabel ukoll li jigu mikrija mobile toilets kif meħtieġ u jitpoġġew fejn meħtieġ.
Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsir riceviment bħal ma jsir fi snin oħra u għalhekk għandhom jintalbu l-quotations fuq il-proċedura stabbilita.

**4.0 Skeda ta' pagamenti (Approvazzjoni)**

Skeda ta' ammonti ta' flus li l-Kunsill ircieva għal perjodu 19.05.2010 - 28.05/2010. Il-Kunsill ra l-skeda li għal dan il-perjodu rcieva s-somma ta' €6467.52.
**Skeda ta' pagamenti - Petty Cash 18.12.2009 - 25.05.2010**. Il-Kunsill ra u approva s-somma ta' €71.66 kif indikata f'din l-iskeda tal-Petty Cash.
**Skeda ta' pagamenti 26.05.2010 - 15.06.2010**
Il-Kunsill ra u approva s-somma ta' €35,781.79 indikata f'din l-iskeda.

**5.0 Mistosqsijiet**

Is-sur Stephen Sultana kien għamel dawn il-mistoqsijiet bil-miktub lis-Sindku
(1) Tista s-Sindku tinforma lill-Kunsill jekk tul dawn l-aħħar sentejn gewx utiliżżati l-programmi tal-EUPA?
(2) Tista tinforma lill-istess Kunsill jekk l-istess Kunsill Lokali kienx affetwat fil-perjodu li l-istess EUPA għamlet sospensjoni ta' diversi programmi edkuattivi fosthom anke skambji ta' zagħzagħ?

Is-Sindku tagħat twegiba għall-mistoqsija numru 32
(1) Matul dawn l-aħħar sentejn ma gewx utiliżżati l-programmi tal-EUPA.
(2) Il-Kunsill ta' Santa Venera ma' gewx affettwati bis-sosenżjoni għax ma kien hemm l-ebda program edukattiv u l-ebda skambji ta'żgħażagħ.

**6.0 Ilmenti**

Il-Kunsill qabel li jitratta dan l-item fil-laqgħa li jmiss.

9.0 **Aġġornament**

9.1 Imġieba ta' Warden fi Triq ħdejn l-iskola Primarja, Santa Venera. Is-Sur Stephen Sultana qal li qed jaslulu diversi lmenti dwar gwardjan li malli jasal fi Triq ta' l-iskola qabel ma joħorgu t-tfal jieħu nota tal-karozzi li jkunu f'din it-triq u wara li jerga jiccekja dwar xi caqliq ta' xi vettura li tagħħa huwa jkun diga ħa n-numru, dan joħrog citazjoni mingħajr ebda notifika. Is-sur Sultana qal li filwaqt li jifhem l-bżonn ta' l-osservanza tal-liġi dan l-ateggjament ma jmurx ma l-ispirtu li l-Warden għandu primarjament jeduka u għalhekk kull atteġjament zbaljat minn naħa tal-warden għandu jieqaf immedjatament.

9.2 Is-sur Carmel Camilleri qal li matul ix-xahar ta' Lulju 2010 huwa se jkun imsifier u għaldaqstant huwa se jkun limitat milli jattendi għall-laqgħat tal-Kunsill.

9.3 Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 pm u giet aggornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Gunju 2010 fis-6.00pm b'agenda li tkun kommunikata aktar tard

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Eżekuttiv

Elizabeth Vella
Sindku

Ikkonfermati _________________________